MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 49/2002/1

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Alex Vella**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar 2002 fejn l-Awtorita` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm450 (erbgha mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzzjonijiet skond il-ligi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti akond il-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi preliminarjament u kuntrarjament ghal dakj allegat fl-avviz ma hemm l-ebda arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi, stante li meta gie ntavolat dan l-avviz, il-ligi in kwistjoni kienet giet imhassra biex b'hekk l-Awtorita` attrici ma tistax issa tippretendi hlas ai termini ta` ligi inezistenti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, s-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontredittrici f'din il-kawza;
3. Illi fil-meritu, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jigi ampjenti ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna il-hlas ta' licenzji ghal gestjoni ta' stabbiliment alloggiatorju. It-talba attrici giet ridotta ghal Lm300 minn Lm450 wara li xehed Charles Visanich (Fol 45) u tnaqqas il-kontribuzzjoni tas-sena 2000. Kif xehed Joseph Lanzon (Fol 42), il-licenzja tohrog fuq persuna naturali pero` dejjem f'isem u ghan-nom tas-socjeta' kummercjali li tipposjedi u/jew tiggestixxi l-fond kummercjali. (vide questionnaire a Fol 39), Il-konvenut irrezenja minn Direttur tas-socjeta' G&S Falzon Ltd fis-sena 1991.

Inkontroezami, Visanich stqarr li s-socjeta' Grosvenor Court Hotel Ltd baqghet thallas sas-sena 1997.

Kien meta waqaf il-pagament tal-kontribuzzjoni, u gia skopert fil-fond registrat kien hemm Elderly Home li ttiehdu l-passi odjerni. Mid-dokument esibit a Fol.47 tal-process, l-applikazzjoni originali saret mis-socjeta' G&S Falzon Ltd. Alex Vella rrezenja mid-direttur fis-sena 1991.

Pero' kif stqarr l-istess Joseph Falzon l-awtorita` attrici qatt ma gietx infurmata bil-kambjament. Id-debitur tal-licenzja hija s-socjeta propia u mhux il-persuna indikata li qed tidher ghaliha. Huwa japplika l-isem l-istess socjeta' mhux personali. Jista ovjament persuna japplika f'ismu izda f'dan il-kaz ma garax hekk dana huwa konsenanti mil-Kap 409 u A.L 125/2002.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alex Vella, u jikkundanna lill-osservanza tal-giudizzju, u jilqa' it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta'. G&S. Falzon Ltd u jikkundanna thallas lill-awtorita` attrici s-somma ta' Lm300 bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------